MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1985/1998/1

**Dr. Adrian Zammit**

**vs**

**Andreas Gerdes**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni li l-attur ipprezenta fis-7 ta’ Ottubru 1998 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta’ tliet elef tmien mija disa’ u erbghin lira u tletin centezmu (Lm3,849.30c) rapprezentanti l-prezz ta’ sigar u pjanti mibjugha u konsenjati mill-attur lill-konvenut fuq ordni tieghu kif ukoll servizzi lilu rezi, u dana skond *invoice* annessa mac-citazzjoni bhala dokument “A”.

Illi ghalkemm il-konvenut gie mitlub sabiex ihallas baqa' inadempjenti.

Rat illi l-attur talab lil dina l-Qorti sabiex:-

(1) Tikkundanna lill-konvenut ihallsu l-imsemmija somma ta' Lm3,849.30c dovuta kif spjegat.

Bl-imghax mis-16 ta' Frar 1998 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju 1998 u dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, kif ukoll il-lista tax-xhieda tieghu u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata mill-konvenut Andreas Gerdes fl-20 ta' April 1999 fejn eccepixxa:-

1. Illi *in linea* preliminari l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2148 tal-Kapitolu 16**.

2. Illi i*n linea* preliminari wkoll l-eccipjent ma huwiex il-legttimu kontradittur billi l-ordni saret minn mart l-eccipjent Bettina Vossberg u ma tezistix il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Gerdes.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-attur naqas milli jikkonsenja lill-eccipjent prodott ta' kwalita' u fil-fatt is-sigar u l-pjanti in kwistjoni thassru wara ftit zmien li twahhlu anke ghaliex l-attur ripetutament naqas milli jesegwixxi servizzi ta' manutenzjoni u preservazzjoni kif titlob is-sengha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Michael Debono u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat il-verbali kollha tas-seduti quddiem din il-Qorti nkluzi dawk tal-15 u 21 ta' April 1999, 16 ta' Gunju 1999, 6 ta'

Ottubru 1999, 16 ta’ Novembru 1999, 3 ta’ Dicembru 1999, 10 ta’ Dicembru 1999, tal-1 ta’ Marzu 2000 fejn il-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall provi tal-konvenut ghat-30 ta’ Marzu 2000 fil-12.30.a.m. wara li l-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Marzu 2000, 14 ta’ April 2000, 8 ta’ Mejju 2000, 4 ta’ Lulju 2000, 5 ta’ Lulju 2000, 22 ta’ Novembru 2000, 8 ta’ Frar 2001, 10 ta’ Mejju 2001, 28 ta’ Gunju 2001 fejn Dr. Gavin Gulia talab li jigi mqabbad perit tekniku u d-digriet taghha tal-istess datat; tal-20 ta’ Novembru 2001 fejn il-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni anke peress li l-konvenut naqas li jaderixxi ruhu mad-digriet tat-28 ta’ Gunju 2001; tas-16 ta’ Jannar 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2002; tat-30 ta’ April 2002 fejn l-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u talbet kjariment fuq ir-rikors tal-konvenut tas-26 ta’ Novembru 2001; tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Luciano Busuttil ghall-konvenut irrinunjza ghat-talba ta’ nomina ta’ perit tekniku u talba zmien ghan-nota responsiva, u l-Qorti laqghet it-talba u estendiet it-terminu b’erbghin (40) gurnata, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Novembru 2002.

Rat ir-rikorsi tal-konvenuti datati 3 ta’ Dicembru 1999 u 24 ta’ Frar 2000.

Rat ir-rikors tal-20 ta’ Novembru 2001, id-Digriet ta’ din il-Qorti datat 21 ta’ Novembru 2001,

Rat l-affidavit ta’ Dr. Adrian Zammit datat 26 ta’ Mejju 1999; ix-xhieda ta’ Melosaul Balzan, direttur ta’ Derek Garden Centre fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 1999, l-affidavit ta’ Bettina Vossberg tat-12 ta’ April 2000, l-affidavit ta’ Andreas Gerdes datat 27 ta’ April 2000, ix-xhieda ta’ Peter Calamatta tat-8 ta’ Mejju 2000, l-kontro-ezami ta’ Andreas Gerdes fl-4 ta’ Lulju 2000, l-kontro-ezami ta’ Bettina Vossberg tal-5 ta’ Lulju 2000; ix-xhieda tal-attur tat-8 ta’ Frar 2001, il-kontro-ezami ta’ Joseph Florian tat-8 ta’ Frar 2001; ix-xhieda tal-Kaptan Francis Gauci tal-10 ta’ Mejju 2001,

Rat ir-rikorsi tal-konvenut datati 4 ta' Mejju 2001, 11 ta' Frar 2002, 15 ta' Jannar 2002,

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur datata 16 ta' Jannar 2002.

Rat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda nota ta' osservazzjonijiet.

Rat ix-xhieda kollha prodotta u d-dokumenti kollha esebiti.
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) AZZJONI ATTRICI.

Illi l-azzjoni attrici tikkoncerna talba sabiex il-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm3,849.30 rapprezentanti prezz ta' sigar u pjanti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq ordni tal-istess konvenut u valur ta' servizzi resi mill-attur relatati mal-istess pjanti kollox skond *invoice* relattiv datat 16 ta' Frar 1998 (No.98/001) liema xoghol u konsenji saru skond l-istess kont fil-perjodu bejn l-24 ta' Ottubru 1997 sat-23 ta' Dicembru 1997.

Illi ghalhekk permezz ta' dina l-kawza l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut Andreas Gerdes is-somma ta' Lm3,849.30c rapprezentanti l-prezz ta' (i) sigar u pjanti li l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut, fuq inkarigu espress tieghu, kif ukoll (ii) ghal servizzi relatati pprestati minnu lill-konvenut.

### (B) PROVI PRODDOTTI W APREZZAMENT TAL-ISTESS.

Illi l-**attur**, li huwa *agricultural scientist*, iltaqa' mal-konvenuti f'attivita' socjali u gie mistieden minnhom jaghtihom stima ghall-*landscape design* u ghall-ezekuzzjoni ta' diversi xoghlijiet fil-gnien tar-residenza taghhom "Villa Margerita", Triq tas-Silg, Marsalokk. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fl-ippjanar u t-tqassim tal-gnien, fil-konsulenza dwar liema pjanti, sigar, *etc.,* kienu l-aktar idejali u xierqa ghall-ambjent, fil-fornitura ta' pjanti, u l-

ezekuzzjoni tax-xoghol ta’ thawwil tal-istess pjanti skond disinn ippreparat mill-attur u accettat mill-konvenut. L-attur kellu jezegwixxi wkoll xoghol ta’ tindif u zbir ta’ sigar ezistenti.

Illi jirrizulta li l-attur issottometta l-proposti, disinji u l-prezz tieghu, u dawna gew accettati mill-konvenut. L-appalt kellu jigi esegwit fi tliet stadji differenti. L-ewwel stadju kien jikkonsisti fit-tindif u l-izbir tas-sigar ezistenti fil-gnien, kif ukoll testijiet fuq il-hamrija ezistenti, it-tnehhija ta’ arbuxelli u sigar li kienu f’kundizzjoni hazina jew mejta, it-twahhil ta’ kannizzati tal-injam, it-tindif tal-hamrija, l-applikazzjoni ta’ fertilizzanti u l-hart tal-hamrija mnaddfa bhala preparament ghat-thawwil ta’ pjanti godda li dwarhom kienu qablu l-kontendenti.

Illi t-tieni stadju ghalhekk kien jinvolvi l-fornitura u t-twahhil ta’ sigar, palmi u arbuxelli miftiehma bejnietom, kif ukoll it-tqeghid ta’ ammont sostanzjali ta’ hamrija gdida.

Illi t-tielet stadju kien jinkludi l-fornitura u t-thawwil ta’ pjanti ohra li teknikament jissejjhu *fillers*, cjoe’ pjanti bhal basal tal-fjuri, fjuri tal-istagun, u affarijiet relatati.

Illi skond l-attur il-kontendenti fthemu li l-attur kellu jikkompleta l-ewwel zewg stadji, u l-konvenut wara kellu jiddeciedi sabiex jara jekk jinkarigax lill-attur sabiex jesegwixxi wkoll it-tielet fazi.

Illi jirrizulta li l-attur ikkompleta l-ewwel stadju u l-konvenut hallsu l-prezz tieghu, u kkonfermalu li seta’ jipprocedi bix-xoghol tat-tieni fazi. Skond l-attur f’dan il-mument l-konvenut beda jordna *extra works* u pjanti godda, li ma kienux inkluzi fil-ftehim originali. L-attur spjega li din hija haga li tigri sovrentement f’dan it-tip ta’ xoghol. Fi kwalunkwe kaz, is-sigar u pjanti kollha li gew suppliti lill-konvenut jinsabu ndikati akkuratament fuq l-*invoices* li l-atturipprezenta lill-konvenut sabiex jitlob il-hlas li skond hu kien dovut lilu. Waqt dawna l-proceduri l-konvenut ma kkontestax il-kontenut ta’ dina l-*invoice*, u ghalhekk il-Qorti tifhem li fil-fatt ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-ammont ta’ sigar u pjanti li gew provduti lill-konvenut.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li x-xhieda tal-attur dwar il-fornitura tal-istess pjanti w oggetti relattati hija kkonfermata mid-dokumenti esebiti nkluzi dawk ta’ Derek Garden Centre Company Limited u ix-xhieda ta’ Melosaul Balzan moghtija fis-16 ta’ Gunju 1999 li kkonferma li l-istess pjanti u xoghol sar mid-ditta tieghu fuq inkarigu tal-attur skond id-dokumenti mahruga mill-istess ditta li huwa stess kkonferma.

Illi ghalhekk jirrizulta li sabiex jesegwixxi dawn x-xoghlijiet l-attur kien inkariga bhala *sub-contractor* lil Derek Garden Centre Limited ghall-provvista ta’ l-materjal u pjanti u oggetti ancillari mehtiega ghall-espletazzjoni tal-inkarigu tieghu. Gew fil-fatt esebiti diversi *invoices* f’dan ir-rigward (ez. Dokumenti “AZ3”, “AZ 4”, “AZ 5”, “AZ 6”), u Meloasul Balzan, direttur ta’ Derek Garden Centre Limited, ikkonferma u spjega fid-dettal x’kien l-involviment taghhom f’dawn ix-xoghlijiet. Derek Garden Centre Limited kienet anke pprovdiet lill-attur, dejjem bi hlas, il-*manpower* li kellu bzonn jghinu sabiex jesegwixxi x-xoghlijiet fil-gnien *de quo*.

Illi l-attur spjega kif huwa kien ikun dejjem prezenti meta kienu jigu kkonsenjati s-sigar u l-pjanti, u li ghalhekk huwa kien personalment jivverifika li dawna kienu lkoll ta’ kwalita’ tajba. Illi *inoltre* Melosaul Balzan, direttur tal-istess Derek Garden Centre Limited, xehed illi meta s-sigar u l-pjanti kienu jigu mghobbija mill-haddiema tieghu sabiex jigu mwassla fir-residenza tal-konvenut, huwa kien ikun dejjem prezenti sabiex jaccerta ruhu li dawna jkunu ta’ kwalita’ mill-aqwa, u dan peress li l-attur kien jinsisti hafna dwar dan mieghu.

Illi l-attur ukoll jinsisti li anke wara li huwa kkompleta l-istess fornitura mertu tal-kawza odjerna, u sahanistra sa Marzu tas-sena 1999 huwa personalment kien ivverifika l-pjanti mhawwla minnu u sab li dawn kienu ghadhom b’sahhithom u kienu qieghdin jisbiehu, u li skond hu dan jikkonferma li kienu tal-ghola kwalita’.

Illi l-attur xehed li *".. f'Dicembru 1997, jiena kont spiccajt ix-xoghol fuq it-tieni stadju u kont ippruvajt nikkomunika mal-konvenut sabiex navzah illi dan l-istadju kien issa gie kompletat u illi jiena kont inkun lest inkompli bit-tielet stadju wara li nirritorna mill-Awtsralja fejn kont sejjer nara l-familja. Dak il-hin ma rnexxilix nikkuntattjah, ma niftakarx kienux qalulu li kont imsiefer".*

Illi kif inghad **Melosaul Balzan** ikkonferma li waqt li l-attur kien imsiefer l-Awstralja, u allura wara li l-pjanti kienu gja' gew imhawla fil-post indikat ghand l-konvenut, huwa kien baghat lill-*foreman* tieghu jispezzjona l-pjanti mizrugha, u dan kien sabhom fi stat ta' sahha tajjeb.  Melosaul Balzan xehed ukoll li ghall-habta ta' Mejju 1999 huwa personalment kien ta' titwila lill-pjanti minn barra l-villa tal-konvenut u li kien irrizultalu li kienu jinsabu fi stat tajjeb, ovvjament ghal dak li seta' jara minn barra.

Illi f'affidavit taghha li gie pprezentat fit-12 ta' April 2000 **Bettina Vossberg**, mart il-konvenut, spjegat kif l-attur kien ipprezenta zewg proposti bil-miktub ghal dawna x-xoghlijiet (Dok. "BV 1" u "BV 2"). Il-partijiet, inkluz l-konvenut, kienu qablu li l-kunsiderazzjoni li kellha tigi mhallsa lill-attur kienet ta' Lm3,450, ghalkemm ix-xhud qalet li dan kien soggett ghall-kompletazzjoni tax-xoghlijiet fit-terminu pattwit.

Illi x-xhud tallega li minkejja li  skond Dokument "BV 2" l-ewwel fazi ta' xoghlijiet kellha tigi kompletata sa Lulju tas-sena 1997, sa Ottubru 1997 l-attur kien ghadu lanqas biss beda t-tieni fazi. Bettina Vossberg spjegat li tant dam ghaddej bl-ewwel fazi li wasal is-sajf u kienet shana wisq sabiex l-attur ikompli bl-ippjantar. Madankollu, hija kkonfermat li zewgha hallas lill-attur tal-ewwel fazi.  Skond ix-xhud f'dan l-istadju l-attur impenja ruhu li jikkompleta t-tieni fazi sa l-ahhar ta' Novembru tas-sena 1997. Hija spjegat li f'dan l-istadju bdew jindunaw b'diversi nuqqasijiet, u minkejja li l-attur kien intrabat li jirrangahom huwa naqas milli jaghmel dan sakemm siefer l-Awstralja f'Dicembru 1997. Kien ghalhekk li l-konvenut zewgha inkariga lil Peter Calamatta sabiex jirrimedja x-xoghol difettuz li kien sar u sabiex jikkompleta t-tielet fazi tal-

progett. Gie ffirmat ftehim ma' Peter Calamatta ghal dan il-ghan, esebit bhala Dok. “BV 3”.

Illi meta l-attur irritorna Malta u gie nfurmat li minfloku kien gie nkarigat Peter Calamatta, huwa baghat kont lill-konvenut fl-ammont ta' Lm3,859.30c. Dana l-kont, skond l-istess xhud kien ghola mill-prezz originarjament pattwit, u fil-waqt li l-attur jiggustifika d-diskrepanza minhabba varjazzjonijiet fl-ordni originali maghmula mill-konvenut waqt il-progress tax-xoghlijiet, il-konvenut jichad li huwa qatt ordna affarijiet zejda. L-affidavit tal-konvenut Andreas Gerdes ipprezentat fit-2 ta' Mejju 2000 huwa essenzjalment riproduzzjoni *verbatim* ta' dak ta' martu u hawn il-Qorti tinnota l-mod inkorrett li bih isiru certi affidavits, li wara kollox jitfghu bil-mod kif formulat dubju fuq il-veracita' tal-istess, ghaliex ma jistax ikun li zewg persuni juzaw l-istess kliem il-hin kollu sabiex jaghtu ix-xhieda taghhom, u f'dan il-kaz l-affidavits imsemmija huwa kwazi identici.

Illi x-xhud prodott mill-konvenut, **Peter Calamatta**, li xehed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2000, ghamilha cara li ma setax jaghti opinjoni fuq il-kwalita' ta' xoghol li kien sar fil-gnien qabel l-intervent tieghu tant li qal:-

*“First of all I had no idea what had been agreed between the parties, I have not seen a planting scheme or a cost effective scheme or a time limited scheme by the parties so how can I judge a competitor of mine …………………”.*

Illi l-istess tip ta' xhieda newtrali giet moghtija mill-*operations manager* ta' Peter Calamatta, **Joseph Florian**, li xehed fl-istess seduta:-

*“ ……………… I remember he asked me his opinion what there was in the garden. I disagreed with some plants. I wouldn't have done it myself but everybody has his opinions. I find different types of gardens everywhere I go and he asked for a quotation to make the garden look good which we did and eventually we did the work”.*

Illi madankollu, Joseph Florian qal li mill-pjanti u sigar li kien jidher li kienu gew mizrugha ricentement, ix-*xamedorea* u l-*kensia palm* fil-fehma tieghu ma kienux addattati ghall-ambjent tal-gnien, u dan partikolarment minhabba l-prossimita' tal-bahar. Huwa spjega li kien hemm numru minn dawna l-pjanti/sigar (huwa jghid *" … ten, twenty, I don't know"* li kellhom jigu mibdula). Il-valur moghti minnu lill-*kensia palm* kien ta' bejn Lm35 u Lm40. Ix-xhud spjega li anke li kieku inghatat manutenzjoni kontinwa ma kienx possibbli li dawna z-zewg tipi ta' pjanti/sigar jissoppravivu f'dak l-ambjent. Illi min-naha l-ohra dan huwa ghal kollox kontestat mill-attur u fil-fatt fil-kontro-ezami li sar tal-istess xhud intefghu dubji sew fuq din l-asserzjoni *da parte* tal-imsemmi xhud.

## III. ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT.

Illi l-Qorti issa ser tghaddi sabiex tivvaluta t-tliet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fl-isfond tal-provi mressqa waqt dawna l-proceduri.

### (A) PRESKRIZZJONI.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2148 tal-Kodici Civili** mqajjma mill-konvenut ghandha tigi michuda. Fl-ewwel lok, il-konvenut naqas milli jindika taht liema subinciz tal-**artikolu 2148** qieghed jibbaza ruhu, u ghalhekk il-qorti lanqas biss tista' tivvaluta sew l-eccezzjoni tieghu.

Illi pero' u fi kwalunkwe kaz, l-ahhar li gew rezi s-servizzi tal-attur kien f'Dicembru tas-sena 1997 u dan kif jidher mill-istess kont esebit mill-attur mac-citazzjoni attrici, u la darba l-kawza attrici giet ipprezentata fis-7 ta' Ottubru 1998, din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha ghaliex assolutament hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u ma ghandha ebda bazi fattwali. Tali termini nfatti qatt ma gew kkontestati mill-konvenut u ghalhekk l-istess eccezzjoni hija fl-opinjoni ta' din il-Qorti frivola.

Illi jinghad ukoll, li bla pregudizzju ghal dak fuq espost, kien l-istess konvenut li ammetta li ghamel offerta ta' hlas lill-attur wara Dicembru tas-sena 1997, u wara li l-attur ipprezentalu l-kont finali tieghu, u b'dan l-att huwa stess interrompa kwalunkwe terminu preskrittiv li seta' beda jiddekorri favorih, u dan apparti l-fatt li l-preskrizzjoni giet interrotta wkoll b'ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju 1998 u bic-citazzjoni medessima.

## (B) LEGITTIMU KONTRADITTUR.

Illi l-eccezzjoni li l-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur hija wkoll bla ebda bazi kwalunkwe. Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li anke t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda peress li kien il-konvenut stess fl-affidavit tieghu li ammetta li kien huwa li inkariga lill-attur jesegwixxi x-xoghlijiet meta kien prezenti ma' martu u dan fit-2 ta' April 1997. Apparti minn hekk l-istess konvenut innifsu hallas lill-attur ta' l-ewwel stadju tax-xoghlijiet, u anke ressaq offerta sabiex jittransigi din il-vertenza meta kien rinfaccjat bil-kont ahhari tal-attur, wara li l-istess konvenut inkariga terza persuna sabiex taghmel xoghlijiet fl-istess gnien. Jinghad ukoll li mart il-konvenut Bettina Vossberg ukoll ikkonfermat li kien zewgha li kien inkariga lill-konvenut. Hawn issir riferenza ampja ghax-xhieda tal-istess konvenuti nnifishom li minnha jirrizulta li dan il-punt lanqas biss qatt ma gie kkontestat minnhom, u dan apparti dak kollu li inghad mill-abbli difensur tal-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, fejn hemm citati ampjament brani mix-xhieda tal-konvenut u s-siehba tieghu, li jikkontradixxu b'mod mill-iktar palez l-istess eccezzjoni imqajjma minnhom.

## (C) IL-PRODOTT KONSENJAT MILL-ATTUR U S-SERVIZZI REZI MINNU.

Illi fit-tielet eccezzjoni tieghu il-konvenut jinsisti li t-talba attrici ghandha tigi michuda *stante* li l-attur naqas milli jikkonsenja lill-eccipjent prodott ta' kwalita', tant li s-sigar u pjanti in kwistjoni thassru wara ftit zmien li twahhlu. Huwa

eccepixxa wkoll li l-attur naqas li jesegwixxi servizzi ta' manutenzjoni u preservazzjoni kif titlob is-sengha.

Illi ma hemm l-ebda dubju li sta ghall-istess konvenut li jipprova l-allegazzjoni tieghu u dan stante li huwa oneru ta' min jaghmel l-allegazzjoni li jipprova l-istess. **"Alfred Briffa et vs Emmanuel Borg et"** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001; **"Stephen Busuttil Naudi vs Carmelo Pirotta et"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002).

Illi kif jirrizulta mix-xhieda attrici huwa ben ippruvat li l-attur kien ikun dejjem prezenti meta s-sigar u l-pjanti mixtrija minnu ghall-konvenut kienu jigu kkonsenjati u sussegwentement imhawwla, u dan sabiex jaccerta ruhu li kienu ta' kwalita' ottima. Melosaul Balzan kkonferma dan u anke insista li huwa vverifika personalment li s-sigar u pjanti provduti mid-Derek Garden Centre Limited lill-attur ghal dan l-progett kienu kollha tal-aqwa kwalita', u dan anke minhabba l-fatt, li l-istess xhud emfassiza b'mod mill-iktar skjet li kienet issir insistenza mill-istess attur ghal dan.

Illi effettivament fil-fehma tal-Qorti il-konvenut naqas milli jipprova f'mod adegwat li s-sigar u l-pjanti provduti mill-attur ma kienux ta' kwalita' tajba. Zewg xhieda fundamentali mressqa mill-istess konvenut, Peter Calamatta u Joseph Florian, li pprezentaw ruhhom bhala esperti f'dan il-qasam u li hadmu fuq il-gnien wara l-attur, fl-ebda mument ma allegaw li s-sigar u l-pjanti provduti mill-attur ma kienux ta' kwalita' tajba. L-uniku osservazzjoni maghmula minn Joseph Florian li setghet tkun ta' rilevanza ghall-verzjoni tal-konvenut kienet dwar il-*kensia palms* li skond hu ma hijiex pjanta addattata ghall-ambjent, pero' din hija materja ta' opinjoni u fuq kollox fuq ix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni jghodd dak li qal l-istess xhud Peter Calamatta li sostna li:-

*"It means that some plants needed to go say maybe easier or better places for them to grow because the scheme we had discussed and presented to Mr. Gerdes did not necessitate for those plants to be there".*

*"Court: But it was not the same work that ultimately he entrusted you".*

*"Witness: No we did completely different landscape".*

Illi minn dan johrog ukoll car li Peter Calamatta spjega b'mod preciz li wara li huwa gie kkuntattjat mill-konvenut, kien lahaq ftehim mal-istess konvenut sabiex isir *landscaping* gdid, skond pjanti u skemi mifthiema bejniethom. Peter Calamatta emfasizza li ma kienx qieghed ikompli x-xoghol ta' l-attur, u li l-*landcsaping* li wettaq kien totalment differenti.

Illi infatti fost affarijiet ohra, f'pagna 7 tax-xhieda tieghu huwa spjega kif:-

*"It was fairly major in the sense that quite a lot of plants went in we made our proposal and Mr. Gerdes accepted those proposals and we did the actuak work as to our proposals ………… But it was not part of a previous plan, it was my plan and nothing else"*

Illi fl-istess xhieda huwa elabora wkoll li:-

"*So in my experience after long years in the business we as a team decided to change certain things it was a question because our landscape scheme is our landscape scheme. We weren't working on somebody else's landscape scheme".*

Illi apparti minn dan iz-zewg xhieda ma qalux li kellhom inehhu xi sigar jew pjanti mizrugha mill-attur peress li kienu ta' kwalita' hazina. L-uniku haga li kkummentaw fuqha kienet li huma setghu ma qablux mal-ghazla ta' certi sigar u pjanti ghall-ambjent partikolari tal-gnien, izda huwa minnu wkoll li t-tnejn li huma enfasizzaw li dina hija kwistjoni soggettiva ghall-ahhar u kollox fl-ahharnett jiddependi fuq il-pjan propost u fuq il-preferenzi tal-persuna inkarigata u wkoll tal-klijent.

Illi imkien l-istess xhieda ma qalu li tali pjanti u sigar ma gewx ikkonsenjati u mhawwla fi stat sew, anzi jirrizulta

propju mix-xhieda taghhom il-kuntrarju, ghaliex jidher li abbazi tal-pjan ippreparat minnhom huma ghamlu certi xelti, li l-konvenut qabel maghom, u xejn izjed, tant li huma lanqas qatt ma raw il-pjani li ghamel jew kellu l-attur, anzi insistew li dan ma kienx jinteressahom ghaliex ghalihom kienu qed jaghmlu xoghol gdid li l-konvenut ried li jesegwixxi f'qasir zmien.

Illi fil-fatt jigi nnutat li l-istess xhieda qatt ma identifikaw lanqas pjanta wahda mill-istess esebita mill-attur li huma sostnew li ma kenitx ikkonsenjata sew, u in verita' dan ma setghux jaghmluh peress li l-pjanti mertu tal-kawza odjerna gew ikkonsenjati lill-konvenut fil-gnien tieghu fil-perjodu ta' bejn l-24 ta' Ottubru 1997 u 23 ta' Dicembru 1997 u huma ghamlu stima biss fis-17 ta' Frar 1998 kif jidher mid-dokument "BV 3" mahrug minnhom.

Illi jinghad ukoll li l-fatt li xi sigar u/jew pjanti mizrugha mill-attur setghu ddeterjoraw fil-kondizzjoni taghhom wara li gew mizrugha mill-attur u mill-persuni minnu nkarigati ma huwiex dovut ghall-fatt li dawn ma kienux ta' kwalita' tajba meta thawwlu jew gew mizrugha. Dan ghaliex dan jista' jkun dovut ghall-fatt li dawn is-sigar u pjanti ma inghatatilhomx l-attenzjoni u l-manutenzjoni mehtiega wara li gew ippjantati li kellhom isiru dejjem mill-konvenut.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-attur qatt ma kellu l-inkarigu ghall-manutenzjoni tal-gnien wara li kien ikkompleta l-inkarigu tieghu ta' d-disinn u l-ippjantar tieghu, u fil-fatt tali manutenzjoni tal-gnien u l-pjanti ta' gjo fih ma hijiex il-mertu tal-azzjoni odjerna, kif jidher car mill-premessi tac-citazzjoni u mid-dokumenti maghha pprezentati, li dwarhom l-konvenut qatt ma ressaq ebda oggezzjoni.

Illi ma dan wiehed irid izid li kemm Adrian Zammit kif ukoll Melosaul Balzan xehdu li anke meta raw is-sigar u l-pjanti wara hafna zmien li kienu gew ippjantati (Marzu 1999), deherilhom li l-istess pjanti kienu fi stat tajjeb. Il-Qorti tinnota wkoll li kemm l-attur kif ukoll martu, minkejja li qalu li numru ta' pjanti kienu mietu, naqsu milli jindikaw liema kienu dawn il-pjanti u n-numru taghhom, filwaqt li x-xhieda minnhom prodotti dwar dan ma qalu xejn.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-konvenut li l-attur naqas *"li jezegwixxi servizzi ta' manutenzjoni u preservazzjoni kif titlob is-sengha"*, il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni maghmula mill-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li dan ix-xoghol ma kienx jaqa' fl-ambitu tal-inkarigu tal-attur kif mifthiem bejn il-kontendenti u lanqas il-mertu tal-azzjoni odjerna. Fil-fatt il-*'proposals'* bil-miktub tal-attur ma jinkludux xoghol ta' manutenzjoni u sorveljanza wara l-kompletazzjoni tal-progett, u l-attur spjega li ghal dawn il-funzjonijiet kien ikun mehtieg ftehim gdid u hlas addizjonali.

Illi jinghad ukoll li fix-xhieda tieghu l-istess konvenut lanqas biss semma' li fil-ftehim mal-attur kien inkluz ukoll xoghol ta' manutenzjoni u sorveljanza, u ghalhekk anke taht dan l-aspett l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi respinta.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet elef, tmien mija u disgha u erbghin lira Maltija u tlettin centezmu (Lm3,849.30c) rapprezentanti l-prezz ta' sigar u pjanti mibjugha u kkonsenjati mill-attur lill-konvenut kif ukoll servizzi relatati rezi mill-attur lill-istess konvenut kollox kif indikat fic-citazzjoni attrici u mid-dokumenti maghha esebiti.

Bl-imghax legali mid-data tas-16 ta' Frar 1998 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju 1998 u dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru li l-attur ipprezenta kontestwalment mac-citazzjoni tieghu kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**13 ta' Novembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**13 ta' Novembru 2002**